

PROĊEDURI TAL-QORTI

QORTI TAL-EFTA

SENTENZA TAL-QORTI

tat-22 ta' Novembru 2012

fil-Kawża E-17/11

Aresbank SA v Landsbankinn hf., Fjármálaeftirlitið (l-Awtorità ta' Sorveljanza Finanzjarja) u l-Istat tal-Islanda

(Direttiva 94/19/KE – Direttiva 2000/12/KE – Direttiva 2006/48/KE – Ammissibbiltà – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tadotta dispożizzjonijiet tal-liġi taż-ŻEE biex jirregolaw sitwazzjonijiet purament interni – Kunċett tad-depożitu – Self interbankarju – Rikonoxximent reċiproku ta' awtorizzazzjoni għall-bidu u t-twettiq tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu – Applikabbiltà tad-deċizzjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE)

(2013/C 75/07)

Fil-Kawża E-17/11 Aresbank SA v Landsbankinn hf., Fjármálaeftirlitið (l-Awtorità ta' Sorveljanza Finanzjarja) u l-Istat tal-Islanda – TALBA lill-Qorti skont l-Artikolu 34 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja mingħand Hæstiréttur Íslands (il-Qorti Suprema tal-Islanda), dwar l-interpretazzjoni tat-terminu depożitu fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 94/19/KE dwar skemi ta' garanzija għal depożiti, il-Qorti magħmula, minn Carl Baudenbacher, il-President, Per Christiansen (Imħallef-Relatur) u Páll Hreinsson, Imħallfin, tat is-sentenza fit-22 ta' Novembru 2012, li l-parti operattiva tagħha hija kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 94/19/KE dwar skemi ta' garanzija għal depożiti għandu jiġi interpretat li jfisser li l-fondi li istituzzjoni ta' kreditu li tipprovdi self tagħti lil istituzzjoni ta' kreditu li tiegħu s-self, u li għandu jitħallas lura f'data determinata minn qabel, flimkien mal-imgħax li jkun ġie n-negozjat speċjalment, għandhom jitqiesu bħala depożitu skont it-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni. Dan japplika anke jekk il-fondi ma jitqiegħdux f'kont speċjali fisem l-istituzzjoni ta' kreditu li tipprovdi self, jekk l-istituzzjoni ta' kreditu li tiegħu s-self ma tkunx ħarġet l-ebda dokument speċjali biex tirreġistra l-wasla tal-fondi, jekk ma tkunx ħallset primjums fir-rigward tal-fondi lill-Fond ta' Garanzija tad-Depożituri u l-Investituri, u jekk il-fondi ma jkunux iddaħħlu bħala depożitu fil-kotba tal-istituzzjoni ta' kreditu li tiegħu s-self.

Madankollu, tali fondi trasferiti minn istituzzjoni ta' kreditu waħda lill-oħra, skont ftehim ta' self, jikkostitwixxu depożiti mhux koperti mill-iskemi ta' garanzija previsti fid-Direttiva 94/19/KE. Għalhekk tali fondi mhumiex eliġibbli għall-ħlas lura skont dik id-Direttiva. Għalhekk, tista' ssir distinzjoni bejn definizzjoni funzjonali ta' depożiti eliġibbli skont id-Direttiva 94/19, li hija bbażata fuq l-Artikolu 1(1) moqri fid-dawl tal-Artikolu 2, u definizzjoni teknika, li tinkludi wkoll depożiti mhux koperti mill-iskemi ta' garanzija previsti fid-Direttiva 94/19/KE u, għalhekk, mhux eliġibbli għall-ħlas lura. Il-Qorti nazzjonali għandha tiddetermina jekk għandhiex tiġi applikata definizzjoni teknika jew funzjonali ta' depożitu skont il-liġi nazzjonali għall-finijiet ta' din il-kawża.

- (2) Għall-iskop li jiġi determinat jekk self bejn żewġ istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-ŻEE huwiex depożitu skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 94/19/KE, mhuwiex rilevanti li l-Istat tad-domiċilju tal-bank li jissellef għamel użu mill-awtorità mwaqqfa fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 94/19/KE biex jeskludi depożiti minn istituzzjonijiet finanzjarji mill-garanzija tad-depożitu.
- (3) Meta istituzzjoni ta' kreditu li ssellef fondi fis-suq interbankarju hija awtorizzata li taċċetta depożiti mill-pubbliku ġenerali, mhuwiex rilevanti għall-kwalifika ta' self interbankarju minn din l-istituzzjoni lil istituzzjoni ta' kreditu oħra bħala depożitu skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 94/19/KE li

ma taċċettax tali depożiti iżda li tiffinanzja l-operazzjonijiet tagħha permezz ta' kontribuzzjonijiet mingħand is-sid tagħha u permezz tal-ħruġ ta' strumenti finanzjarji, u mbagħad terġa' ssellef dawk il-flus fis-suq interbankarju, sakemm l-awtorizzazzjoni tal-istituzzjoni biex tibda u twettaq in-negozju ta' istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx ġiet irtirata mill-awtorità kompetenti.
